KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 27–IT-TNEJN, 13 TA' FRAR 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:11 sad-21:05.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku (19:11)** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku(19:11)** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (19:11)** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier (19:11)** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier (19:11)** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier (19:11)** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (19:11)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti:** | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**1.** NUQQAS TA' QUORUM

**1.1.** **Fil-ħin li kienet imsejħa l-laqgħa kienu preżenti l-kunsilliera A. Grima, Tabone, Bugeja u Cremona.**

**1.2.** **Il-kunsillier A. Grima ġibed l-attenzjoni li s-Sindku li suppost tippresiedi l-laqgħa mhix preżenti, u qiegħdha isfel flimkien ma' 3 kunsilliera tal-PN. Il-kunsillier Bugeja bħala l-kunsillier anzjan dak il-ħin qal li ma kienx hemm quorum.**

**1.3.** **Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li f'tali sitwazzjoni l-proċedura titlob li nistennew nofs siegħa.**

1.4. Fis-19:11 waslu s-Sindku, il-viċi Sindku, il-kunsilliera Fenech, Vella, D.Grima, Piscopo, u Bezzina. Fl-istess ħin il-kunsilliera A. Grima, Tabone, Bugeja, u Cremona qamu minn mal-mejda u ħarġu mill-kamra bi protesta filwaqt li l-kunsillier A.Grima qal li dan huwa ksur ta' liġi. Il-laqgħa bdiet fis-19.11 wara li ntlaħaq il-quorum b'sebgħa kunsilliera preżenti.

## 2. APOLOĠIJI

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier Buhagiar infurmatu li ma tistax tattendi.

2.2. Il-kunsilliera preżenti rreferewa għaċ-ċirkulari 6/2017 maħruġa mid-Dipartiment u qabel li f'dan il-każ u kull meta l-Kunsill jirċievi din it-tip ta' apoloġija ma jqisiex bħala ġustifikata minħabba li ma tagħtix raġuni.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati bi qbil unanimu.

## 4. PUNTI MILL-MINUTI

4.1. Il-kunsillier D. Grima qal li f'laqgħat oħra fil-passat kien hemm kunsilliera miż-żewġ naħat li ttardjaw b'aktar minn ħmistax –il minuta għal-laqgħa u dejjem inġieb rispett.

4.2. Is-Sindku kompliet mal-messaġġ tal-kunsillier D. Grima u qalet li l-iskop huwa li l-kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu favur il-ġid tal-lokal.

4.3. Il-viċi Sindku qal li meta bagħat iil-messaġġ li ma setax jattendi f'laqgħa preċedenti kien il-bidu ta' dak li wassal għall-mewt ta' ommu. Irringrazzja lil kull min attenda għall-funeral.Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel minuta silenzju b'rispett lejn it-telfa ta' omm il-vici Sindku. Il-Kunsill qabel.

4.4. Dwar punt 3.1 is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni ġiet sottomessa.

4.5. Dwar punt 4.5 il-kunsillier Bezzina qalet li l-attivita' saret.

4.6. Dwar punt 4.7 Is-Sindku kkonfermat li ser isiru attivitajiet kemm tal-karnival u anke l-attivita' marbuta mat-torri Wignacourt.

4.7. Dwar punt 4.8 is-Sindku nfurmat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-persuna li għamlet il-proposta u tnaddfu l-kmamar biex waħda minnhom tibda tintuża għal dan l-iskop. Is-

Sindku għamlet appell biex min għandu kotba second hand iġibhom il-kunsill biex jintużaw f'din il-librerija.

4.8. Dwar punt 4.9 is-Sindku nfurmat li hemm ir-rapport tal-*caseofficer* li qiegħed *recommended to refuse*. Il-kunsill żamm l-istess pożizzjoni li kellu.

4.9. Dwar item 6 is-Sindku nfurmat li l-KAB iltaqa' fis-17 ta' Jannar fejn saret il-laqgħa u reġa' ltaqa' llum, iżda l-laqgħa tal-lum ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum.

4.10. Dwar punt 6.10 is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab direzzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali iżda għadu bla tweġiba.

4.11. Is-Sindku talbet li tigi sospiza l-laqgha u li tibdel l-ordni tal-laqgħa biex l-accountant tkun tista' tispjega r-rapport finanzjarju tas-sena. Kien hemm qbil unanimu.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2016

5.1. Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm l-accountant spjegat ir-rapport finanzjarju u kien hemm diskussjoni u mistoqsijiet mill-kunsilliera preżenti.

5.2. Wara diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju, u wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet tal-kunsilliera, is-Sindku proponiet li dan ir-rapport jiġi approvat. Kien hemm qbil unanimu.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

6.1. Cirkulari No. 5/2017 : Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill applika għal fondi biex jingħata għajnuna finanzjarja fl-organizzazjoni ta' tlett attivitajiet kulturali.

6.2. Is-Sindku ppropniet li jsiru s-sessjonijiet ta' Aerobics u Nutritionist. Dawn is-sessjonijiet huma mħallsa mill-Gvern u l-kunsill jipprovdi l-post. Meta s-sala tal-kunsill ma tkunx biżżejjed minħabba nuqqas ta' spazju, dawn is-sessjonijiet isiru fis-sala ta' l-iskola u l-kunsill iħallas għal persuna li tkun responsabbli mill-iskola dak il-ħin. Kien hemm qbil dwar dan.

6.3. Korrispondenza minn TM dwar proposta li kien hemm fil-passat biex żewġ zebra crossings fi Triq il-Qawra jinqelbu għal pelican lights :waħda ħdejn porzjunkola housing estate u l-oħra ħdejn il-kappella. Kien hem qbil unanimu li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni għal dan.

6.4. Korrispondenza mingħand l-ERA. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-proposta ta' l-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi li joperaw Air Monitoring Unit minn fuq il-bini tal-latrina pubblika fix-Xemxija,

**apparat li jagħmel monitoraġġ tat-tinġiż fl-arja, u li l-istess Awtorita' ser tieħu ħsieb li jkun hemm il-permessi meħtieġa kif ukoll li l-kamra tkun tiflaħ għal din l-istruttura. Il-kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu u ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm kollox ikun skond il-liġi.**

**6.5. Is-Sindku spjegat il-kunċett ta' Street Lighting Cooperation Agreement bejn il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun. Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill jidħol għal dan il-ftehim.**

**6.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza dwar it-tiġdid ta' polza ta' assikurazzjoni relatat mas-saħħa. Kien hemm qbil li din għandha tiġġedded għall-impjegati u l-kunsilliera, u li għandna ngħaddu kopja tal-polza lill-kunsilliera.**

**6.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mill-Land Transport Directoratedwar rilokazzjoni u żieda ta' bus stops. Il-kunsill qabel ma' dawn il-proposti bil-kundizzjoni li ma jintilfux parkeġġi.**

**6.8. Korrispondenza mingħand Green MT fejn qegħdin jipproponu aktar bring in sites madwar il-lokalita'. Il-kunsill issuġġerixxa li fejn jiżdiedu bring in sites isiru CCTVs u jiġu provduti site plans li jindikaw is-siti. Għandha wkoll tintalab laqgħa ma' Green MT.**

**6.9. Il-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali ta' San Pawl il-Baħar talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jinxtraw trofej għal kompetizzjoni tal-Billiard. Il-kunsill qabel sakemm nimxu mal-parametri ta' ċirkulari li ntbagħtet dwar din l-għajnuna lill-għaqdiet.**

**6.10. Il-Kumitat tas-Sirens Waterpolo Club talab lill-Kunsill Lokali biex jagħtih permess li juża kamra li tinsab fuq wara tal-latrina pubblika li hemm biswit l-istess klabb biex fiha jintrefa' apparat li jintuża waqt li jiġi prattikat dan l-isport. Il-Kunsill qabel sakemm ma jkollux bzonn hu ta' din il-kamra u bil-kundizzjoni li l-klabb jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' l-istess kamra.**

**6.11. Il-Kumitat Festa Burmarrad talab riklam tal-Kunsill għall-ktieb tal-festa. Il-kunsill qabel li dan isir.**

**6.12. Saret talba minn Power Yoga World sabiex isiru Yoga classes fis-sala tal-kunsill. Il-kunsill qabel sakemm dan ma jaħbatx mal-ġurnata tas-seduta tal-kunsill jew ma' xi attivitajiet li diġa ghandu ftehim dwarhom il-Kunsill.**

**6.13. Is-Sindku qrat korrispondenza dwar il-kawża li nqatgħet kontra l-kunsill u l-lukanda San Antonio fir-rigward ta' danni li sofriet persuna minħabba inċident li sehh fl-2005. L-avukat Bonello spjega kif il-kunsill ista' jagħżel li jipproċedi bl-appell tiegħu u spjega dak kollu li jista' jfisser l-appell. Il-Kunsill għandu jiċċekja jekk kienx hemm polza ta' assikurazzjoni fuq public liability dak iż-żmien li seħħ l-inċident. Wara diskussjoni kien hemm qbil li**

nwieġbu lura għal din il-komunikazzjoni u nitolbu lill-avukat biex imexxi bl-appell tal-kunsill.

6.14. Is-Sindku qalet li nbdew ix-xogħlijiet fuq it-toroq, spjegat ix-xogħolijiet li qiegħdin isiru bħalissa fi Triq is-Sajjied fejn qegħdin jinbidlu wkoll is-servizzi mill-WSC u spjegat fejn ser ikunu qegħdin isiru l-ewwel xogħolijiet. Ġie maqbul li l-Kunsilliera għandhom iressqu proposti dwar fejn hemm l-iktar urġenza biex isiru xogħlijiet u li s-Sindku u s-SE jevalwaw u jiddeċiedu dwar il-prijorita' skond il-fondi u skond il-parir tal-perit. Spjegat dwar kif il-Kunsill qiegħed jfittex biex japplika għal fondi oħra barra l-allokazzjoni finanzjarja sabiex ikun jista' jwettaq iktar xogħlijiet fuq it-toroq.

6.15. Inqrat korrispondenza dwar mobile app. Il-Kunsill qabel li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex issir preżentazzjoni dwar din l-app. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jagħmel użu minn din l-app wara li jsiru xi emendi fiha skond kif ġew diskussi.

6.16. Kien hemm qbil li nikkomunikaw mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni sabiex ninfurmawh li s-Sur John Mamo ma għandux jibqa' allokat mal-Kunsill minħabba li mhux utli għall-istess Kunsill. Possibilment minfloku għandu jintbagħat xi ħadd li jista' jkun aktar utli għas-servizz tal-Kunsill.

## 7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI

7.1. Intqal li għandna nerġgħu infakkru lill-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni dwar il-ħlas tas-servizz tal-wifi fil-Bus Terminus.

7.2. L-iskeda tal-Pagamenti ġiet approvata hekk kif preżentata.

7.3. Is-Sindku proponiet li tinħareġkwotazzjonigħax-xiri ta' tabelli tat-traffiku u li l-Kunsill japprovas-servizz ta' website u pubblikazzjoni u tqassim ta' fuljett. Kien hemm qbil dwar dan.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA PUBBLIKA

8.1. Ġie deċiż li l-laqgħa pubblika ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2017 fis-6.30pm fis-sala tal-Kunsill Lokali.

## 9. ATTIVITAJIET TAL-KARNIVAL

9.1. Is-Sindku tat informazzjoni dwar l-attivitajiet li hemm pjanati għall-jiem tal-karnival. Is-Sibt filgħodu bejn id-9.30am u l-11.00am

ser ikun hemm il-Guggen Musik Band li ser tkun qed iddoqq fi Triq it-Turisti. Programm varjat ta' mużika u żfin ser isiru is-Sibt 25 ta' Frar bejn is-1.30pm u l-4.00pm fi Triq San Pawl u fl-istess ħinijiet l-għada l-Ħadd 26 ta' Frar fil-pjazza ta' Buġibba.

## 10. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

10.1. Is-Segretarju eżekuttiv ressaq il-kummenti tiegħu dwar il-performance bonus ta' l-impjegati tal-kunsill u wara li ta l-kunsiderazzjonijiet tiegħu, il-kunsill approva li jingħata l-ammont sħiħ ta' 6% performance bonus lill-impjegati u 10% lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 11. DEĊIŻJONI DWAR IL-GARAXX TA' TRIQ J. QUINTINUS

11.1 Is-Sindku preżentat diversi korrispondenza bejn l-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill dwar dan il-garaxx.

11.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ġie nfurmat mill-Awtorita' li ma nstab l-ebda kuntratt jew ftehim dwar dan, u l-Awtorita' qed titlob lill-Kunsill jirregolarizza billi jieħu deċiżjoni dwar jekk hux ser iżomm il-garaxx jew jirrilaxxah. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab għal aktar informazzjoni lill-ex Sindku Mario Salerno u lill-ex Segretarju Eżekuttiv Frans Chirchop iżda ma kellux tweġiba.

11.3 Il-Kunsill qabel li l-garaxx għandu jinżamm u jsir il-ħlas għalih kif mitlub mill-Awtorita'. Għandna nistaqsu dwar l-ispejjeż tal-manutenzjoni kif ukoll dwar il-possibilta' li l-garaxx jinxtara mill-kunsill aktar 'il quddiem.

## 12. KONFERMA TAL-MEMBRI TAL-BORD TA' EVALWAZZJONI

12.1 Is-Sindku spjegat li fil-preżent hemm erba' (4) kunsilliera li offrew li jkunu membri fil-bord ta' evalwazzjoni, wara li l-Kunsillier A Grima rrizenja minn evalwatur u li l-proċedura titlob li jkun hemm numru farrad ta' membri fil-bord.

12.2 Is-Sindku spjegat ukoll li mhux ideali li jkun hemm tliet (3) persuni biss li jaċċettaw li jkunu evalwaturi peress li dan huwa l-inqas numru li jista' jkun hemm biex issir evalwazzjoni u

għalhekk jekk xi ħadd ma jkunx jista' jattendi, idum aktar il-proċess.

12.3 Il-Viċi Sindku qal li hu lest li joffri li jkun membru fil-bord jekk ikun hemm il-ħtieġa, iżda jekk il-kunsilliera tal-Partit Laburista jinnominaw lil xi membru fuq dan il-bord hu lest li jċedi postu.

12.4 Kien hemm qbil dwar dan..

## 13. IS-SITWAZZJONI TAL-LATRINI PUBBLIĊI

13.1 Wara li s-Sindku spjegat is-sitwazzjoni dwar il-latrini pubbliċi kien hemm qbil li t-tender li kien inħareġ jiġi kkanċellat u jinħareġ tender b'urġenza li jkun jinkorpora l-manutenzjoni u t-tindif ta' dawn il-latrini.

13.2 Importanti li tiddaħħal il-klawsola fit-Tender li l-Kunsill jista' jagħżel l-offerta tat-tindif biss (mingħajr manutenzjoni).

## 14. ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

14.1 Is-Sindku tat l-informazzjoni li kien hemm f'ċirkulari no. 16/2016 dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv li kienet tispjega l-proċess tal-ħatra kif ukoll id-dmirjiet u l-obbligi tal-persuna magħżula.

14.2 Is-Sindku nnominat lis-Sinj. Sandra Grech, kienet issekondata mill-Kunsillier Vella.

14.3 Is-Sinj. Sandra Grech ġiet maħtura bi qbil unanimu.

## 15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS

15.1 Il-kunsillier Piscopo talab li jkun skużat.

15.2 Il-laqgħa ntemmet fid-21:05

15.3 Id-data tas-seduta li jmiss hija l-Ħamis 9 ta' Marzu fis-18:30.

| | |
|---|---|
| [iffirmata] | [iffirmata] |
| **Graziella Galea**<br>**Sindku** | **Malcolm Agius**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |